**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Gur. Nru. 1062/07 JZM**

**Carmel Grima (ID 0572546M), Emanuel Grima (ID 0057541M), Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi (ID 0182636M); u b`digriet tad-9 ta` Jannar 2012 l-atti tal-kawza f`isem Georgina Azzopardi gew trasfuzi f`isem l-eredi taghha Jennifer Mifsud, Anne Mary Gauci, Josephine Grech, Grace Carmen Camilleri u Philip Azzopardi; Joan Cassar (ID 0748850M) f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` huha Edward Grima residenti New South Wales, Maria Dolores maghrufa bhala Dorothy Zammit (ID 0328948M), <u>ahwa Grima ulied id-decuius Carmelo Grima</u> ;**
**kif ukoll Anne Mary Camilleri (ID 0579763M), Julian Grima (ID 0569564M), Carmen Mangion (ID**

**0267368M), Ruth D`Antuono (ID 0076775M), Pierre Grima (ID 0118581M) u Graziella Grima (ID 0576882M) ulied il-mejjet Anthony Grima bin id-decuius Carmelo Grima**

***kontra***

**Saviour Grima (ID 528452M); u b`digriet tad-19 ta` Jannar 2010 giet kjamata in kawza Josephine Calleja, u b`digriet tal-4 ta` Ottubru 2011 l-atti f`isem il-kjamata in kawza Jospehine Calleja gew trasfuzi f`isem l-eredi taghha John Calleja (ID 783154M), Charles Calleja (ID 720455M), Mario Calleja (ID 798557M, Catherine Cassar (ID 354459M), Helen Calleja (ID 32659M), lkoll ahwa ulied ta` Josephine Calleja, u Jade Girxi u Jordan Calleja ulied il-mejjet Raymond Calleja hu r-rikorrenti l-ohra, u dan stante il-mewt taghha**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Ottubru 2007 li jaqra :–

*1. Illi fl-14 ta` Jannar 2007 miet Carmelo Grima armel minn Grazia Grima missier/nannu tal-kontendenti, u kif jirrizulta mill-annessi certifikati markati* ***Dokumenti A1, A2 u A3*** *hu halla t-testmenti elenkati fic-Certifikat tat-Testmenti tar-Registru Pubbliku u ma halla ebda testment sigriet, kif jirrizulta mic-Certifikat mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja).*

*2. Illi skont l-Artikolu 4 tat-testment unica charta tal-25 ta` Frar 1970 fl-atti tan-Nutar Dr John Micallef Trigona il-mejtin Carmelo u Grazia Grima nnominaw bhala eredi universali taghhom fi kwoti ugwali bejniethom lil uliedhom kollha cioe` Giuliano Grima, Josephine Calleja, Carmelo Grima, Emanuel Grima, Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi, Joan Cassar, Edward Grima, Maria Dolores maghrufa bhala Dorothy Zammit, Anthony Grima u Salvatore Grima, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari u bid-dritt tal-akkrexximent f`kaz ta` premorjenza.* ***(Dokument B)***

*3. Illi Giuliano Grima gie nieqes qabel missieru u miet minghajr tfal u bla testment, u ghalhekk wirtuh skont il-ligi missieru u d-disa` hutu l-ohra, fi kwoti ndqas bejniethom.*

*4. Illi Anthony Grima ukoll miet qabel missieru u wirtuh uliedu u cioe` l-atturi Anne Mary Camilleri, Julian Grima, Carmen Mangion, Ruth D`Antuono, Pierre Grima u Graziella Grima.*

*5. Illi l-atturi kollha rrinunzjaw ghall-wirt ta` missierhom u/jew nannuhom Carmelo Grima, pero` zammew favur taghhom id-dritt ghall-legittima mill-istess eredita` cioe` s-sehem riservat mil-ligi :* ***ara Dokumenti $C_1$ sa $C_{12}$.***

*6. Illi jirrizulta illi anke Josephine Calleja oht l-atturi rrinunzjat ghall-wirt ta` missierha u rriservat favur taghha s-sehem lilha riservat mil-ligi.*

*7. Illi permezz ta` citazzjoni numru 609/2007 FS fl-ismijiet "Carmel Grima et v Saviour Grima et", l-atturi odjerni qed jitolbu illi l-kuntratt in atti Dr A. Sciberras Trigona tad-29 ta` April 2002 bejn id-decuius Carmelo Grima (missier/nannu tal-kontendenti) u Saviour Grima (konvenut) u martu, li bih Carmelo Grima ittrasferixxa n-nofs indiviz tal-garage bla numru, jismu Grima`s Garage, f`Birkirkara Road, San Giljan, inkluz in-nofs indiviz tal-gnien ta` warajh, jigi dikjarat illi fil-verita` huwa donazzjoni velata u li fir-realta` l-imsemmi trasferiment kien fil-fatt donazzjoni u mhux trasferiment b`titolu oneruz, kif indikat fl-imsemmi kuntratt.*

*8. Illi konsegwentement, il-proprjeta` li hi meritu tal-istess kuntratt ghandha tidhol fil-massa ereditarja u dana partikolarment ghall-iskopijiet tal-Artikolu 620 tal-Kap 16 dwar x`ghandu jigi inkluz fl-assi tal-mejjet sabiex jigi kkalkolat is-sehem riservat mil-ligi (legittima) favur kull wiehed mill-ulied tad-decuius.*

*9. Illi sabiex jigi kalkolat is-sehem riservat mil-ligi favur taghhom, l-atturi ghandhom interess li fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellu d-decuius Carmelo Grima u dana partikolarment ghall-iskopijiet tal-Artikolu 620 tal-Kap 16: Kodici Civili tal-Ligijiet ta` Malta, dwar x`ghandu jigi nkluz fl-assi tal-mejjet.*

*10. Illi l-konvenut Saviour Grima ghamel denunzja tal-wirt tad-decuius Carmelo Grima, permezz ta` att pubblikat min-Nutar Dr Patrizia Mallia fit-13 ta` Lulju 2007- **Dokument X1**.*

*11. Illi permezz ta` att iehor pubblikat mill-istess Nutar fl-istess data, saret denunzja ohra maghmula minn iben Saviour Grima, cioe` Noel Grima, li permezz taghha gie denunzjat fond iehor imholli b`legat lill-istess Noel Grima : **Dokument X2**.*

*12. Illi kif jirrizulta mill-anness albero geneologico **Dokument Y** meta miet Carmelo Grima (decuius) hu halla tmien ulied hajjin, u halla wkoll lis-sitt ulied ta` ibnu Anthony Grima li miet qabel id-decuius. Illi s-sitt ulied ta` Anthony Grima dahlu skont il-ligi fid-dritt ta` missierhom ghas-sehem riservat li kien imiss lilu mill-wirt ta` nannuhom Carmelo Grima (decuius).*

*13. Illi ghalhekk kif jirrizulta wkoll mill-anness albero geneologico, l-ulied ta` Carmelo Grima (decuius) huma aktar minn erba`, allura s-sehem riservat li jmiss lit-tfal tieghu kollha flimkien mal-ulied ta` ibnu Anthony Grima (mejjet) hu ta` nofs il-valur tal-beni tad-decuius (Artikolu 616(1) tal-Kodici Civili).*

*14. Illi konsegwentement il-porzjoni mis-sehem riservat li tmiss lil kull wiehed mis-sitt ulied hajjin ta` Carmelo Grima (atturi f`din il-kawza) hija ta` 1/18 (wahda minn tmintax-il parti) - (Artikolu 616(2) tal-Kodici Civili).*

*15. Illi l-porzjoni mis-sehem riservat li tmiss lill-atturi l-ohra, ulied Anthony Grima (iben id-decuius li miet qablu) flimkien bejniethom, hija wkoll ta` 1/18 (wahda minn tmintax-il parti) - (Artikolu 617 tal-Kodici Civili).*

*16. Illi s-sehem riservat mil-ligi huwa protett u ghandu jinghata lil min hu ntitolat ghalih l-ewwel u qabel kollox, inkluz qabel kwalsiasi legat imholli.*

*17. Illi ghalhekk kwalsiasi bejgh, weghda ta` bejgh, trasferiment u/jew koncessjoni bi kwalsiasi titolu, b`mod oneruz jew gratuwitu, u kwalunkwe immissjoni fil-pussess koncernanti din il-proprjeta` jippregudika jew jista` jippregudika serjament id-dritt tal-atturi ghall-porzjoni taghhom mis-sehem riservat.*

*18. Illi bl-istess mod, l-immissjoni fil-pussess li tista` talvolta ssir mill-konvenut lil ibnu Noel Grima qua legatarju tal-fond imholli lilu b`legat minn nannuh Carmelo Grima (decuius) tippregudika jew tista` tippregudika serjament id-dritt tal-atturi ghall-porzjoni taghhom mis-sehem riservat.*

*19. Illi, in vista tal-premess, l-atturi kienu kostretti jitolbu u fil-fatt ottjenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 1330/07 AF –* ***Dokument Z*** *kontra l-konvenut, li ghalhekk prezentement jinsab mizmum milli jiddisponi minn jew jimmitti fil-pussess lil xi hadd, fi proprjeta` immobiljari li gejja mill-wirt ta` Carmelo Grima (decuius).*

***Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,***

*Ighid l-istess konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorbabli Qorti ai termini tal-ligi u b`mod partikolari tal-Artikoli 615, 616, 617 u 620 tal-Kodici Civili :-*

*(i) Fl-ewwel lok, tistabilixxi liema huma l-beni kollha appartenenti lill-wirt ta` Carmelo Grima (decuius) li ghandhom jigu nkluzi fl-istess wirt, skond il-ligi, ghall-iskopijiet li jigi stabbilit il-valur tas-sehem riservat spettanti lill-atturi.*

*(ii) Ai termini tal-Artikolu 620 tal-Kodici Civili, tillikwida, anke permezz ta` periti nominandi, l-valur reali tal-assi kollha appartenenti lill-wirt ta` Carmelo Grima (decuius) u tistabilixxi ghall-iskopijiet tal-ligi x`inhu l-valur shih tas-sehem riservat mil-ligi mill-wirt ta` Carmelo Grima.*

*(iii) Taqta` u tiddeciedi illi s-sehem riservat mill-wirt ta` Carmelo Grima spettanti lil kull wiehed u wahda mill-atturi Carmel Grima, Emanuel Grima, Georgia Azzopardi, Joan Cassar, Edward Grima u Maria Dolores Zammit huwa ta` 1/18 (wahda minn tmintax-il parti) tal-valur totali tal-wirt ta` Carmelo Grima (decuius) kif stabbilit fit-tieni domanda.*

*(iv) Taqta` u tiddeciedi illi s-sehem riservat mill-wirt ta` Carmelo Grima, spettanti lill-atturi Anne Marie Camilleri, Julian Grima, Carmen Mangion, Ruth D`Antuono, Pierre Grima u Graziella Grima, flimkien bejniethom bhala ulied ta` Anthony Grima, iben id-decuius, huwa ta` 1/18 (wahda minn tmintax-il parti) tal-valur totali tal-wirt ta` Carmelo Grima (decuius) kif stabbilit fit-tieni domanda).*

*(v) Tikkundanna lill-konvenut Saviour Grima, bhala l-uniku werriet ta` Carmelo Grima sabiex, ihallas lil kull wiehed mill-atturi l-ammont lilu dovut kif likwidat u deciz fid-domandi (iii) u (iv), rapprezentanti s-sehem lilhom riservat mil-ligi ai termini tal-Artikoli 615, 616, 617 u 620 tal-Kodici Civili, bhala ulied jew neputijiet ta` Carmelo Grima (decuius), liema hlas ghandu jsir kif stabbilit fil-ligi.*

*(vi) Tikkonferma l-mandat ta` inibizzjoni numru 1330/07 AF fl-ismijiet "Carmel Grima et v Saviour Grima" fis-sens li tinibixxi definittivament lill-konvenut milli jbiegh, jittrasferixxi, jiddisponi, jikkoncedi jew iwieghed lil terzi, taht kwalsiasi titolu, b`mod oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta` jew beni tad-decuius, kif ukoll milli jimmetti fil-pussess u/jew jikkonsenja xi fond appartenenti lill-wirt tad-decuius Carmelo Grima, qabel ma jigi likwidat u mhallas is-sehem riservat mil-ligi (legittima) lil kull wiehed mill-atturi, kif mitlub fid-domandi precedenti.*

*B`rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 ta` April 2007, kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fl-14 ta` Novembru 2007 u taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari l-eccipjenti la ghandu u lanqas qatt kellu ebda oggezzjoni ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lir-rikorrenti u ghalhekk il-kawza hija ghal kollox intempestiva, irrita u nutili, u certament illi l-eccipjenti m`ghandux ibati l-ispejjez ta` din l-istanza.*

*2. Illi wkoll in linea preliminari din il-kawza hija ntempestiva ghaliex kull kalkolazzjoni u assenjazzjoni tal-porzjoni riservata kif mitlub mir-rikorrenti, hija sospiza sakemm tinqata` kawza ohra li pprezentaw ir-rikorrenti odjerni stess – Cit. Nru. 609/07 FS fl-ismijiet Carmel Grima et vs Saviour Grima et – fejn qeghdin jikkontestaw il-validita` ta` att ta` bejgh li jaffetwa proprju wahda mill-proprjetajiet minnhom elenkati f`Dok. P anness mar-rikors guramentat odjern.*

*3. Illi ghal kull buon fini l-likwidazzjoni ghandha ssir fuq dawk l-assi li skond il-ligi huma ammissibli biex jigu kkunsiderati bhala assi tal-eredita` ghal fini ta` tali kalkolu (inkluz ghalhekk xi donazzjonijiet ta` flus u ta` dota maghmula mid-defunt Carmelo Grima, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza) u mhux fuq assi li ghandhom skont il-ligi jitqiesu ezenti mill-kollazzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta guramentata.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Carmel Grima, Georgia Azzopardi, Joan Cassar, Emanuel Grima, Julian Grima u Dolores Zammit, flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mal-affidavit ta` Carmel Grima.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` l-P.L. Francesca Scerri, Audrey Ghigo, Jeanette Ghigo u David Galea fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u rat id-dokumenti li kienu esebiti dakinhar.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Perit Godwin Abela, flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Ivan Portelli fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat iz-zewg noti b`dokumenti li l-atturi pprezentaw t-tnejn fid-19 ta` Frar 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Dr Victor Buhagiar fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2009.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fit-23 ta` Frar 2009.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dr Alex Sciberras Trigona fl-udjenza tat-30 ta` April 2009.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fit-13 ta` Mejju 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Joan Cassar fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2009 u rat id-dokumenti li pprezentat fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Carmel Grima u ta` Joan Cassar, flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mal-affidavit ta` l-ahhar.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2010 fejn laqghet it-talba tal-atturi ghall-kjamata fil-kawza ta` Josephine Calleja.

Semghet fl-istess udjenza lid-difensur tal-atturi jiddikjara hekk :-

*Ghal kull buon fini Dr Buttigieg jiddikjara illi Joan Cassar, Carmel Grima u Emanuel Grima bhala tlieta mill-erba` holders tal-kont li hemm f`isimhom u f`isem Saviour Grima fil-bank Northern Rock jaqblu illi dan jifforma parti mill-beni ta` missierhom Carmel Grima (snr) u ghalhekk ghandu jigi konsidrat ghall-iskopijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima.*

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat il-kjamata fil-kawza fl-<u>4 ta` Frar 2010</u> li taqra hekk :–

*1. Illi l-kjamata in kawza taqbel mar-rikors guramentat tal-atturi u mat-talbiet hemm indikati - tindika wkoll li ghall-integrita` tal-gudizzju u sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri u duplikazzjoni ta` kawzi hi li llum qieghda fil-kawza bhala parti u wild id-decuius Carmelo Grima ghandha wkoll tinghata s-sehem taghha ta` legittima skont il-ligi.*

*2. Illi ghalhekk Saviour Grima, bhala l-uniku werriet ta` Carmelo Grima, ghandu wkoll jigi ordnat ihallas lill-kjamata in kawza Josephine Calleja l-ammont lilha dovut kif likwidat u deciz fid-domanda numru 3, rapprezentanti s-sehem lilha riservat mil-ligi ai termini tal-artikoli 615, 616, 617 u 620 tal-Kodici Civili bhala wahda mill-ulied ta` Carmelo Grima, liema hlas gandu jsir kif stabbilit fil-ligi.*

*3. Illi l-kjamata in kawza qed tannetti kopja awtentika tan-nota li biha hi rrinunzjat ghall-eredita` ta` Carmelo Grima. Dok JC1. Din ir-rinunzja saret b`riserva ghas-sehem legittimarju spettanti lilha skont il-ligi.*

*B`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-kjamata in kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kjamata fil-kawza, u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat in-noti b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fil-11 ta` Mejju 2010 u fl-udjenza tal-4 ta` Novembru 2010.

Semghet ix-xiehda in kontro-ezami ta` Joan Cassar fl-udjenza tal-4 ta` Novembru 2010.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenzi tas-7 ta` Frar 2011 u tat-2 ta` Mejju 2011, u rat id-dokumenti li pprezenta.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2011, fejn hatret lill-Perit Mario Cassar bhala perit tekniku *sabiex jaghmel stima tal-valur fis-suq illum tal-propjeta` mmobbli illi lista taghha hija esebita bhala dokument P a fol 45 tal-process.*

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fis-17 ta` Jannar 2012 u li l-kontenut taghha kkonferma bil-gurament fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2012.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fid-9 ta` Marzu 2012 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat id-domandi li pprezentaw il-partijiet, kif ukoll ir-risposti li pprezenta l-perit tekniku.

Rat id-digriet li tat fit-22 ta` Marzu 2013 fejn irrikjamat ghal quddiemha l-kawza bin-Nru. 203/13 JA sabiex timxi kontestwalment mal-kawza tal-lum, u fejn ordnat illi l-provi kollha li ngabru fil-kawza tal-lum ikunu jghoddu u jifformaw parti mill-kawza bin-Nru. 203/13 JA.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013 fejn, wara l-insistenza tal-atturi, ghaddiet ghall-hatra ta` l-Periti Alan Saliba, Joseph Ellul Vincenti u Valerio Schembri bhala periti teknici addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni li pprezentaw il-periti teknici addizzjonali fl-14 ta` April 2014 u li l-kontenut taghha kkonfermaw bil-gurament fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2014.

Rat id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-atturi fl-udjenza tal-1 ta` Lulju 2014 fejn iddikjara li l-atturi kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-periti addizzjonali.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni li ghamlet id-difensur tal-konvenut fl-istess udjenza fejn iddikjarat illi l-konvenut kien qed jikkontesta l-istimi li ghamlu l-periti addizzjonali fir-rigward tal-fondi :*171, 172, 173 Birkirkara Road, San Giljan ; it-terran u l-ewwel sular ta` Grima Flats, Birkirkara Road, San Giljan ; u 145, Birkirkara Road, San Giljan.*

Rat id-domandi li kienu prezentati ghall-eskussjoni tal-periti addizzjonali, kif ukoll ir-risposti tal-periti addizzjonali.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fis-27 ta` Novembru 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tal-25 ta` Gunju 2015.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex taghti s-sentenza llum.

## II. Provi

### 1) Ix-xhieda u d-dokumenti

**L-attur Carmel Grima** xehed illi l-ewwel li mietet mill-genituri kienet ommu Grace Grima (Novembru 1976). Missieru Carmelo miet fix-xahar ta` Jannar 2007. Is-successjoni ta` ommu kienet regolata bit-testment *unica charta* li kienet ghamlet ma` missieru fil-25 ta` Frar 1970 fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona, fejn l-ulied kollha kienu nominate bhala eredi universali. Wara li miet missieru, huwa sar jaf illi missieru kien ittrasferixxa suppost b`titolu ta` bjegh proprjeta` sostanzjali lill-konvenut bi prezz verament baxx. Missieru kien halla legati ta` hwejjeg haddiehor favur il-konvenut, fosthom partijiet ta` mmobbli li kien wiret mis-successjoni ta` ommu. In vista ta` dawn ic-cirkostanzi, l-ahwa rrinunzjaw ghall-wirt ta` missierhom u rriservaw id-dritt ghall-porzjon riservat.

Kompla xehed illi b`ittra tas-6 ta` Gunju 2007 huma u cioe` l-atturi avzaw lill-konvenut bl-avukat taghhom illi huma kienu rrinunzjaw ghall-wirt tal-missier. Kien avzat ukoll illi kienet giet prezentata kawza kontra tieghu bin-Nru 609/2007 FS sabiex it-trasferiment ta` nofs indiviz tal-fond "Grima Garage", Triq Birkirkara, San Giljan, jigi dikjarat bhala trasferiment gratuwitu. Minkejja dan l-avviz, il-konvenut u ibnu Noel ghamlu xorta d-dikjarazzjoni *causa mortis* permezz tan-Nutar Patrizia Mallia fit-13 ta` Lulju 2007.

Stqarr illi l-fond 145, Birkirkara Road, San Giljan huwa fond kantuniera u ghandu zewg bibien ohra cioe 11 u 12 fi triq laterali illum jisimha Triq l-Arcisqof Romero. Din il-proprjeta` tikkonsisti minn dar, mezzanin u garaxx. L-atturi qeghdin isostnu li l-valur ta` nofs il-garage maghruf bhala "Grima`s Garage", Triq Birkirkara, San Giljan trasferit minn missieru lill-konvenut b`kuntratt tad-29 ta` April 2002 ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta tkun qeghda ssir il-komputazzjoni tal-valur tal-beni kollha ta` missieru. Il-konvenut kien prokuratur ta` missieru ghal hafna snin.

Fisser illi missieru kellu dar u garage fi Triq il-Barrakki, Qormi, li kienu mikrija ghal snin twal. Ic-cwievet ta` dan il-fond kienu ghaddew ghand missieru minghajr l-ebda tfixkil. Ic-cwievet baqghu ghand il-konvenut. Il-garage tbattal mal-mewt tal-kerrej izda iben il-kerrej ried li l-kirja tigi

trasferita fuqu. Il-konvenut ma riedx u ntbaghtet ittra bl-avukat. Ic-cwievet tal-garage spiccaw ghand iben il-konvenut. Kien hemm okkazjoni fejn il-konvenut qallu li ma kienx ghadu jaf fejn kienu jinstabu d-dar u l-garaxx ta` Hal-Qormi. Huwa wera lill-konvenut Salvu fejn kienet din il-proprjeta` u x`hin dan qallu li kien ser jitlob lil missieru biex jaghtihom dik il-propjeta`, inghad lilu illi dik kienet diga` thalliet b` testment lil Giljan li jigi t-tifel ta` huh Toni u li kien ghamel zmien jiehu hsieb ta` missieru.

Ighid illi l-konvenut qallu li Giljan seta` jigi kkumpensat mod iehor u mhux b` dik il-propjeta`. Infatti huwa kien ikkonvinca lil missieru sabiex jaghti lil Giljan Lm 3,000 b`legat ta` kemm ghamel mieghu. Il-konvenut ha lil missieru ghand in-Nutar Paul Pullicino izda dan in-nutar ma kienx accetta li jippubblika l-att notarili peress li missieru ma setax jikkomunika. Huwa qal kjarament lill-konvenut li ma riedx ikollu x`jaqsam xejn ma` dak li kien qed jaghmel. Ftit taz-zmien wara, il-konvenut gharrfu li kien ha lil missieru ghand in-Nutar Sciriha izda dan kien ukoll keccihom `il barra.

Qal illi kien biss wara l-mewt ta` missieru li l-manuvrar ta` l-konvenut hareg fil-berah. Fl-2002, meta missieru kellu 93 sena, saru tlett atti notarili li permezz taghhom, il-konvenut gawda hafna. Bit-testment li sar ghand in-Nutar Paul Pullcino fid-9 ta` Ottubru 1989, missieru kien halla b` legat lin-neputi Giljan Grima d-dar u l-garaxx fi Triq il-Barrakki, Qormi. Imbaghad bit-testment li sar fis-16 ta` Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani kien revokat it-testment tad-9 ta` Otturbu 1989, u Giljan Grima thalla legat ta` Lm 3,000 waqt li l-propjeta` ta` Hal-Qormi thalliet b`legat lill-konvenut..

**<u>Georgina Azzopardi, Emanuel Grima, Julian Grima u Dolores sive Dorothy Zammit</u>** ilkoll ikkonfermaw ix-xiehda ta` Carmel Grima.

**<u>P.L. Francesca Scerri</u>** ghal Bank of Valletta plcipprezentat *statements* ta` kontijiet wara l-1998.

**<u>Audrey Ghigo</u>** mill-HSBC Bank Malta plc ipprezentat dokumenti dwar kontijiet wara l-1996.

**Jeanette Lepre** ghal Lombard Bank plc u **David Galea** ghal APS Bank Limited xehdu illi ma kienx hemm kontijiet f`isem id-decujus Carmelo Grima.

**Perit Godwin Abela** xehed illi huwa ghamel stima tal-fond "Grima`s Garage", Triq Birkirkara, San Giljan, b`inkariku ta` l-atturi. Ikkonferma l-kontenut tac-certifikat li hareg.

**Ivan Portelli** mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni xehed illi l-*file* in kwistjoni kien ghadu miftuh. Dwar il-bejgh ta` nofs indiviz ta` proprjeta` li sar bl-att tan-Nutar Sceberras Trigona, id-Dipartiment ma baghatx perit ghaliex il-bord tad-Dipartiment kompost minn Charles Spiteri Shaw, Eric Mallia u Francis Cachia kien tal-fehma li l-valuri huma reali. Huwa dan il-bord li jiddeciedi jekk jintbaghatx perit jew le. In-nofs indiviz kellu valur ta` Lm 40,000.

**Tabib Dr. Victor Buhagiar** ikkonferma l-kontenut taz-zewg certifikati medici esebiti a fol 272 u 273.

**Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona** xehed illi kkonferma li sar testment fl-atti tieghu fis-6 ta` Gunju 2002. Minn minn qari tat-testment ma jirrizultax il-lok fejn sar. Kien hemm zewg xhieda ossija certu Mario Scicluna rtirat bin il-mejtin Ettore u Cettina u residenti San Giljan, u Carmel Chircop *self employed* bin il-mejtin Nazzareno u Carmela u residenti Zebbug. Ikkonferma illi fid-29 ta` April 2002 saret skrittura privata ta` donazzjoni ta` Lm 7,000 kif ukoll kuntratt ta` trasferiment ta` nofs fond ghal Lm 7,000 ukoll. Ighid illi ma jiftakarx jekk quddiemu ghaddewx flus. Lanqas ma ftakar x`kien il-kontenut ta` dawn l-atti.

**Joan Cassar** ikkonfermat il-kontenut ta` l-affidavit ta` huha Carmelo Grima a fol 62 sa 65, minghajr ma kkonfermat il-kontenut tad-dokument esebit a fol 66 sa 75.

Tfisser illi missierha Carmelo Grima kellu flus depozitati fil-Mid-Med Bank. Fis-16 ta` Novembru 1999, missierha gibed is-somma ta` STG 39,375.31 mill-kont bin-nru. 085614096. Dakinhar stess iddepozita l-flus zbankati fuq erbgha (4) minn uliedu : Carmelo Grima, Emanuel Grima, Joan Cassar u Saviour Grima fil-kont nru. 085500848. Dan il-kont inghalaq fl-14

ta` Awissu 2000. Kien hemm interessi ta` STG 1,936.81 li minnhom tnaqqset it-taxxa fl-ammont ta` STG 290.52. L-ammont nett tal-interessi u cioe` STG 1,646.29 thallas b`cheque datat 14 ta` Awissu 2000 li hareg f`isem il-konvenut. Dakinhar stess hareg cheque iehor f`isem il-konvenut ta` STG 39,352.82 fejn kien zbankat il-kapital li kien investit originarjament. Fit-18 ta` Awissu 2000, is-somma ta` STG 39,352.82 kienet depozitata go *bond* fil-kont nru. 9870701 mal-bank Northern Rock fl-isem l-erbat ahwa fuq imsemmija.

Spjegat illi l-kont inghalaq fl-1 ta` Lulju 2002 u l-kapital ta` STG 39,352.82 rega` kien depozitat mal-istess bank f`isem l-erbat ahwa go zewg kontijiet : nru. 9870703 u nru. 9870704. Fil-15 ta` April 2005 il-bank avza li l-*bonds* kienu ser jimmaturaw fl-1 ta` Gunju 2005 u kienu mitluba jikkunsidraw jiddepozitaw il-flus go *bond* iehor. Hi u hutha Emanuel u Carmelo rrifjutaw li jergghu jiddepozitaw il-flus u ghalhekk il-flus gew depozitati go *a No Notice Matured Bond* b`interessi ta` 2.7% gross fis-sena. Tghid illi ma tafx ezatt x`gara minnhom peress li trid issir talba mill-erba` *account holders* flimkien. L-interessi ghaz-zmien ta` bejn l-2000 u l-2004 dejjem thallsu lill-konvenut peress li sa dik is-sena hi u hutha kienu awtorizzaw lill-bank biex isir hekk. Wara l-2004 huma ma baqghux jaghtu dik l-awtorizazzjoni hekk kif sabu li l-konvenut kien qed jaghmel hafna affarijiet minn wara daharhom.

Qalet illi dawn il-flus kienu dejjem imnizzlin fuq isimha u fuq isem hutha inkluz il-konvenut, izda l-interessi kienu jithallew biex fl-eventwalita` ta` bzonn jintuzaw biex jithallsu l-ispejjez tal-*home* fejn kien jghix missierha. Id-depozitu kien fin-Northern Rock - Channel Islands. Taf li hargu xi cheques bi hlas ta` imghax intestati fuq il-konvenut. Tghid illi ma tafx x`sar mill-imghax wara l-mewt ta` missierha. Tghid illi l-kapital ghadu depozitat.

Fil-**kontroezami**, Joan Cassar ikkonfermat li hija kienet awtorizzat flimkien ma` hutha lill-bank sabiex johrog cheques fuq il-konvenut. Qatt ma staqsiet lill-konvenut x`kien jaghmel bil-flus, billi dak iz-zmien, hija kienet tafdah ; inoltre dejjem hasbet illi kien ser jaghtiha rendikont li in effetti qatt ma wasal. Il-kapital baqa` ma nqasamx bejn l-erbgha. Wara li waqqfu l-awtorizzazzjoni, l-imghax ma baqax imur ghand il-konvenut.

Fir-**ri-ezami** ix-xhud stqarret illi l-flus kienu ta` missierha. Imbaghad kienu gew fuq isem il-konvenut go Malta, sakemm il-konvenut ha hsieb jibghat il-flus barra, u qeghdhom f'isem l-erbgha.

**Il-konvenut** iddikjara illi jaqbel mal-kontenut ta` Dok P a fol 45 tal-process. Ighid illi dak huwa elenku tal-assi kollha ta` missieru Carmelo Grima. Fil-lista tnizzel in-nofs indiviz ta` "Grima`s Garage", u gnien warajh ; dawn inbieghu lilu. Ighid illi "Grima`s Flats", 139, Triq Birkirkara, San Giljan, kien imholli b`legat lil Noel Grima, li jigi ibnu. Ghalkemm jaqbel ma` l-istejjem li hemm esebiti a fol 295 sa 303 tal-process, ighid illi dawk ma jirriflettux il-valur prezenti tal-proprjetajiet.

Spjega li go zewg postijiet, hemm inkwilini jabitaw, ossija Josephine Calleja bil-kera ta` Lm 12 fis-sena li tabita fi Flat 1 fi Grima`s Flats mentri Dorothy Zammit tabita fi flat 2 u thallas Lm 20 fis-sena. Dawn huma kirjiet ta` qabel l-1995. Sahaq illi huwa ma jaqbilx ma` dak dikjarat mill-Perit Abela fic-certifikat tieghu. Sabiex issir it-triq, ighid li ikun irid jigi esproprijat l-ispazju kollu tal-gnien peress li hemm dar bid-*drive in* taghha u proprjeta` li tinsab go kantuniera u hija konsistenti minn appartamenti u gnien. Sabiex tkun tista` tinbena din il-proprjeta`, trid jew titwaqqa` id-dar bid-*drive in* u kif ukoll jigu esproprjati zewgt idjar fil-kantuniera ghax kulma hemm huwa passagg zghir maghluq b` xatba.

Qal illi hemm Lm 3,500 li missieru kien silef lill-attur lil Carmelo Grima. Dan kien ihallas l-imghax izda imbaghad waqaf ihallas l-imghax, u missieru talbu biex ihallsu l-flus kollha. Wara li miet missieru, huwa kien kiteb lil Carmelo Grima b`mod ufficjali ghal dawn il-flus izda beda jinnega li qatt issellef flejjes minghand missieru. Is-self kien inghata sabiex seta` jsir il-bini ta` Chantilly Aparthotel. Il-konvenut ipprezenta l-ipoteki li ghamel missieru bhala garanzija tas-self.

Isemmi li hemm ukoll Lm 2,000 li kienu nghataw lill-Dorothy minghand missierha. Missieru kien ghamel tieg kbir ghal hutu Dorothy Zammit u Joan Cassar kif ukoll mela l-appartament fejn jikri Josephine Calleja u Dorothy Zammit b`mobbli bhala dota. Ighid illi dawn ghandhom jitqiesu ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima.

Il-konvenut ighid illi l-pagamenti tal-*home* fejn kien jghix missieru kienu jsiru mic-*cheque book* ta` missieru. Huwa beda jigbor l-ircevuti tal-ispejjez li kienu jsiru. Il-flus ghall-ispejjez tal-*home* kienu jinhargu mill-kontijiet tal-*current* u *savings* u meta dawn ma kinux iservu, huwa kien johrog cheque mill-flus tieghu. Missieru kellu flus *fixed* u ghalhekk dawn ma

setghux jintmessu. Meta l-flus ta` l-imghax ta` Northern Bank kienu jintuzaw u kif ukoll l-ammonti li kien hemm fil-*current* u *savings*, huwa kien hareg il-flus minn butu biex ikopri l-ispejjez. Il-flus li hareg minn butu u li jidhru fid-dokumenti li pprezenta jridhom lura.

Dwar il-fondi nru 9,10 u 11, Triq Barrakki, Qormi, hemm bzonn li tinsab il-provvenjenza peress li hafna mill-proprjeta` f`dik it-triq hija ta` Francia Estates.

Ighid illi diversi kienu l-medjaturi li ndahlu sabiex il-wirt jinqasam bonarjament, izda qatt ma ntlahaq ftehim ghax Carmelo Grima kien jinsisti li huwa u cioe` x-xhud kellu jirrinunzja kollox jew inkella jmorru l-Qorti.

**2) <u>Ir-relazzjoni tal-perit tekniku</u>**

**i) <u>L-immobbli</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku Perit Mario Cassar jaghmel lista tal-immobbli li l-partijiet qablu li jiffurmaw parti mill-assi ereditarji mertu tal-kwistjoni. Din il-lista taqbel mal-elenku Dok P a fol 45. L-immobbli huma dawn :-

1) 172/173/174, Triq Birkirkara, San Giljan.
2) 145, Triq Birkirkara, San Giljan.
3) 36, Triq Birkirkara, San Giljan.
4) Flat 139/1, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan.
5) Flat 139/2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan.
6) 92/93, Birkirkara Hill, San Giljan.
7) Grima`s Garage u gnien warajh, taht il-flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan.
8) 12/13/14, Triq Barrakki, Qormi.
9) Grima`s Flats, 139, Triq Birkirkara, San Giljan.
10) Qabar nru 8, Divizjoni Lvant, Sezzjoni ittra KA, Kompartiment ittra P, Cimiterju tal-Addolorata, Rahal Gdid.

**ii) <u>Deskrizzjoni u stima tal-immobbli</u>**

**1)** **<u>172/173/174, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Dan jikkonsisti f` fond li ghandu faccata ta` 7.5 metri u fond ta` circa 21 metru. Il-proprjeta` ghandha madwar tmenin sena u tinkludi remissa fuq il-faccata li fiha 5 metri wisa` u 5 metri fonda, zewg kmamar fuq wara tar-remissa li fihom 4.3 metri bi 3.6 metri b` 4.3 metri rispettivament u veranda li fiha 1.27 b` 7.5 metri li thares fuq gnien li fih 9.4 metri fond. L-ewwel sular hu accessibbli minn tromba tat-tarag li fiha 2.2 metri b` 5.7 metri u jinkludi zewg kmamar tas-sodda li fihom 2.9 metri bi 3.7 metri kull wahda, u kamra tas-sodda ohra li fiha 4.9 metri b` 5 metri rispettivament . Il-fond huwa fi stat dizabitat, u huwa liberu u frank, u jinkludi l-arja sovrastanti. Il-proprjeta` ghandha potenzjal tajjeb ta` ri-zvilupp.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **<u>€320,000</u>.**

**2)** **<u>145, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Din il-proprjeta` ghandha madwar tmenin sena u tikkonsisti f` terran sottopost ghal proprjeta` ta` terzi. Fuq il-faccata il-fond jinkludi remissa li fiha 4.5 metri bi 3.4 metri. L-access tal-prpoprjeta` huwa mill-genb li jaghti fuq Triq l-Arcisqof Romero, minn bieb bin-numru 11. Il-proprjeta` ghandha fond ta` 15.2 metri li jinkludu terazzin fond 4.2 metri li jhares fuq il-wied fuq in-naha ta` wara. Il-fond huwa dizabitat u matul iz-zmien garrab hsarat strutturali li mmanifestaw ruhhom f` kunsenturi estensivi.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **<u>€75,000.</u>**

**3) 36, Triq Birkirkara, San Giljan**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Il-fond huwa mikri lil Carmen u Eugenio Vella ghal EUR 186.35 fis-sena, u ilu mibni madwar tmenin sena. Dan jikkonsisti f` terran li jinkludi kamra tas-salott li fiha 3 metri bi 3.3 metri, kamra tas-sodda li fiha 3.7 metri b` 4.3 metri, dining room li fiha 1.5 metri bi 3.8 metri, kcina li fiha 2.1 metri bi 2.7 metri, u kamra tal-banju li fiha 1.5 metri bi 2.2 metri. Il-bitha fuq wara tal-fond fiha 4.2 metri b` 6.7 metri fond. Il-proprjeta` hija mantenuta fi stat hazin, izda fi stat abitabbli. Il-footprint tal-parti mibnija fiha 4.3 metri bi 13.3 metri.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq, bil-kirja antika, huwa ta` **€22,000.**

**4) Flat 139/1, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Il-fond huwa mezzanin li jinsab livell tal-flat numru 2 fl-istess blokka msejjha Grima`s Flats, u huwa mikri lil Dorothy, Julian u Carmelo Zammit, b`kirja antika ghal EUR 185 fis-sena. Dan il-fond ghandu madwar 54 sena, u jinkludi kamra tas-salott li fiha 3.8 metri b` 4 metri, kamra tal-banju, kcina, li fiha 1.9 metri bi 2.7 metri, u kamra tas-sodda fuq in-naha ta` wara li fiha 3.6 metri b` 4 metri. Il-proprejta` hija fi stat ta` manutenzjoni tajba, u tinkludi l-arja sovrastanti tal-bejt.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq, bil-kirja antika, huwa ta` **€22,000.**

**5) Flat 139/2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Il-fond huwa mezzanin li jinsab fl-istess livell tal-flat numru 1 fl-istess blokka. Dan jinkludi kcina/kamra tal-pranzu li fihom 2.8 metri b` 4 metri, kamra tal-banju li fiha 2 metri bi 2.5 metri, kamra tal-pranzu `antika` li fiha 4.4 metri b` 6 metri, zewg kmamar tas-sodda li fihom 3.6 metri b` 4.1 metri u 4.2 metri b` 6 metri rispettivament, u sitting room li fiha 3.5 metri b` 6 metri, flimkien ma` l-arja sovrastanti tal-bejt. Il-fond jinsab fi stat tajjeb ta` manutenzjoni, u fil-hin tal-access tat-22 ta` Gunju 2011 kellu bhala kerrejja lil Josephine Calleja.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq huwa ta` **€25,000.**

**6) 92/93, Birkirkara Hill, San Giljan**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Il-proprjeta` tikkonsisti f` garaxx fil-livell tat-triq u zewg appartamenti sovrastanti, li ghandhom madwar 27 sena, u jinsabu fi stat ta` gebel u saqaf. L-appartament fl-ewwel sular jinkludi kcina/sitting/dining room li fihom 4 metri b` 6.7 metri, kamra tas-sodda li fiha 2,6 metri b` 5,5 metri, u kamra tal-banju li fiha 2.2 metri bi 2.7 metri. Il-footprint tal-appartament fih 10.6 metri b` 6.35 li minnhom wiehed irid inaqqas it-tromba tat-tarag li fiha 2.4 metri bi 3.8 metri.*

*It-tieni appartament sovrastanti ghall-ewwel jinkludi zewg kmamar tas-sodda li qeghdin fuq in-naha ta` wara u fihom 3.2 metri b` 4.1 metri u 3 metri bi 3.4 metri, kamra tal-banju li fiha 2.2 metri bi 2.7 metri, u kamra fuq il-faccata li fiha 2.6 metri b` 5.5 metri.*

*Il-footprint tal-garaxx fija 10 metri fonda, u fuq il-faccata ghal fond ta` 3.8 metri huwa wiesa 4.3 metri.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, il-perit tekniku kien tal-fehma illi l-valur prezenti tieghu fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **€182,000.**

**7) <u>Grima`s Garage u gnien warajh, taht il-flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Il-proprjeta` tikkonsisti f` garaxx li ghandu wisa` ta` 5.9 metri u fond ta` 18.57 metri, flimkien ma` gnien fuq in-naha ta` wara li fih circa 25 metru fond u 6 metri wiesa. Dan il-fond ghandu madwar 54 sena, u jidher li nbena flimkien mat-terran bin-numru 139, u maz-zewg mezzanine sovrastanti. Il-garaxx huwa msaqqaf bil-konkos fuq travi tal-hadid. Il-proprjeta` ma ghandhiex is-servizz tad-dawl u l-ilma.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, huwa tal-fehma illi l-valur prezenti fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **<u>€150,000</u>.**

B`zieda, il-perit tekniku ghamel din in-nota :-

*Fl-20 ta` Lulju 2011, l-esponent gie nfurmat minn Dr Joseph Buttigieg illi Josephine Calleja, il-kerreja tal-Flat 139/2, Grima` s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan, kienet giet nieqsa (Dok JB1) u ghalhekk f`din is-sitwazzjoni, kemm il-garaxx u l-appartament sovrastanti jistghu jigu zviluppati bhala korp wiehed. F` dan il-kaz il-valur tal-garaxx u tal-fond sovrastanti flimkien, fil-fehma tal-esponent, ghandhom valur prezenti tas-suq liberu u frank ta`* ***<u>€582,000</u>****.*

**8) <u>12/13/14, Triq Barrakki, Qormi</u>**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Dan jikkonsisti f` fond antik hafna, li jinsab fi triq dejqa u li maz-zminijiet sarulu xi alterazzjonijiet. Fuq il-faccata hemm remissa li fiha 2.9 metri b` 4.6 metri. Fil-pjan terran l-intrata fiha 1.3 metri b` 4 metri, u bitha interna li fiha 3.2 metri bi 3.8 metri, flimkien ma` kamra ohra li fiha 2.8 metri b` 5.8 metri u ohra ta` 2.9 metri bi 2.4 metri. Fuq wara tal-proprjeta` hemm kamra li fiha 2.6 metri bi 11.5 metri li hija msaqqfa bix-xorok u l-kileb. Fl-istess pjan terran hemm kcina li fiha 3.2 metri bi 3.9 metri, u ghorfa li fiha 3.2 metri b` 6.4 metri li tinsab fl-ewwel sular, u kamra ohra li fiha 3 metri bi 3.9 metri rispettivament. Il-footprint tal-*

*fond huwa ta` circa 11.7 metri bi 13.6 metri. Il-fond jirrikjedi hafna spejjez biex ikun fi stat abitabbli.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, huwa tal-fehma illi l-valur prezenti fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **<u>€145,000</u>.**

**9) <u>Grima`s Flats, 139, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Dan l-immobbli huwa deskritt hekk mill-perit tekniku :-

*Dan jikkonsisti f` terran li ghandu madwar 54 sena, u jinsab fi stat dizabitat u abbandun, u jinkludi sitting room li fiha 2.6 metri bi 3.7 metri, kcina li fiha 2.9 metri bi 2.4 metri, u zewg kmamar tas-sodda li fihom 3.6 metri b` 4 metri u 3.1 metri b` 4 metri rispettivament. Dan il-kmamar huma interkonnessi u l-kcina hadet il-post ta` bitha interna, liema bitha giet imsaqqfa bil-pjanci tal-corrugated. Fuq wara l-fnd ghandu bitha fonda 4.9 metri, u l-footprint tal-binja fiha 4 metri wisa` b` 19 il-metru.*

Wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inkluzi t-tip, id-daqs u l-lok, huwa tal-fehma illi l-valur prezenti fis-suq, liberu u frank, huwa ta` **<u>€65,000</u>.**

**10) <u>Qabar nru 8, Divizjoni Lvant, Sezzjoni ittra KA, Kompartiment ittra P, Cimiterju tal-Addolorata, Rahal Gdid</u>**

L-istima tal-valur fis-suq ta` dan il-qabar hija ta` **<u>€10,000</u>**.

B`mod generali u ghall-immobbli kollha  il-perit tekniku ghamel din l-osservazzjoni :-

*L-istruttura giet spezzjonata b`mod viziv biss : dawk il-partijiet tal-propjeta` li huma mghottijin jew li m`hemmx access ghalihom ma gewx spezzjonati u dawn il-partijiet huwa meqjus li jinsabu f`kundizzjoni tajba.  Dan ir-rapport ma jistax jigi interpretat li*

*jikkonferma l-istabilita` u l-integrita` tal-istruttura u l-bini. Fejn ma gewx ezebiti permessi ta` zvilupp, l-esponent ikkunsidra l-policies sanitarji, u dak li huwa permess mill-Local Plans.*

**3) <u>Ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali</u>**

Filwaqt illi l-konvenut irrimetta ruhu ghar-rapport tal-perit tekniku, l-atturi talbu l-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Il-Qorti akkordat it-talba u kienu mahtura l-Periti Alan Saliba, Joseph Ellul Vincenti u Valerio Schembri.

**i) <u>L-immobbli mertu tal-perizja addizzjonali</u>**

L-atturi ma talbux il-hatra ta` periti teknici addizzjonali sabiex jaghmlu stima tal-immobbli kollha izda llimitaw ruhhom ghal dawk l-immobbli fejn, fil-fehma taghhom, l-istima tal-perit tekniku ma kinitx wahda adegwata. Dawn huma :-

1) 139, Triq Birkirkara, San Giljan ;
2) Grima`s Flats, Flat 1, Triq Birkirkara, San Giljan ;
3) 145, Triq Birkirkara, San Giljan ; u
4) 172/173/174 Triq Birkirkara, San Giljan.

**ii) <u>Deskrizzjoni u stima ta` dawn l-immobbli</u>**

**1) <u>139, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Il-periti addizzjonali jghidu hekk :-

*Ritratti – Dok `PAR` ritratti 01/02/03*

*Deskrizzjoni – Terran li jinsab sottostanti l-appartament numru 1 imsmmi aktar `il quddiem f` din ir-relazzjoni.*

*Kif tidhol tigi f` kamra zghira tas-salott li minnha tghaddi ghal kuridur dejjaq fejn hemm kamra tal-banju b` xaft zghir fuq ix-xellug, kcina li parti minnha hi msaqqfa bil-fdewwec (liema parti jidher li qabel kienet bitha) u kamra tas-sodda li minnha tghaddi ghal kamra tas-*

*sodda ohra fuq wara. Fuq wara hemm bitha elevate li titla` ghaliha minn tarag mikxuf.*

*Kejl – Il-proprejta` ghandha faccata ta` tnejn punt tmienja metri (2.8m), wisgha fuq gewwa ta` erbgha punt tlieta metri (4.3 m), fond ta` erbgha u ghoxrin punt tmienja metri (24.8m) u tkopri kejl superjicjali ta` circa tmienja u tmenin metri kwadiri (88 m.kw). Dan il-kejl jinkludi l-hitan divizorji.*

*Kostruzzjoni – Il-hitan huma bil-gebel tal-franka u s-soqfa tal-konkos rinforzat.*

*Finituri – Art bil-madum tas-siment dekorattiv li ghandu bzonn il-`polis`, kamra tal-banju u kcina bil-madum tac-ceramika mal-hajt li jtaptap. Il-kamra tal-banju hija f` kundizzjoni hazina (Dok PAR ritratti 01/020. Bibien tal-injam hlief ghall-bieb tal-bitha li huwa tal-aluminium.*

*Potenzjal – Skont in-`North Harbours Local Plan` mahrug mill-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanat (MEPA) fl-2006 din il-proprjeta tinsab f` zona residenzjali fejn huma permissibbli hwienet sa 75 metri kwadri. Madanakollu, billi l-parti mill-fond fuq il-faccata hi ristretta filwaqt li l-maggorparti ta` da nil-fond jinsab fuq gewwa b` access minn kuridur dejjaq, mhux qed jigi kkunsidrat li dan il-fond ghandu potenzjal li jinbidel f` hanut.*

*Qed jigi kkunsidrat ukoll illi l-ligijiet sanitarji jirrikjedu illi l-bitha li nghalqet bil-fdewwex terga` tinfetah kif kienet originarjament.*

*Okkupazzjoni – Dan il-fond jinsab vakanti.*

Skont il-periti addizzjonali, il-valur tal-fond, liberu u frank, jammonta ghal **<u>€86,000</u>** wara li qiesu l-premess, il-lok fejn tinsab il-propjeta` u kif ukoll il-valur taghha fil-prezent.

**2) <u>Grima`s Flats, Flat 1, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Il-periti teknici addizzjonali jghid hekk :-

*Ritratt – Dok PAR ritratt 03*

*Deskrizzjoni – Appartament fl-ewwel sular bl-arja tieghu b` access minn kuridur u tarag komuni flimkien mal-appartament l-iehor numru 2 li huwa wkoll suggett ghal dan l-eredita.*

*Kif tidhol tigi f` kuridur b` kamra tas-salott bil-gallarija miftuha fuq il-faccata, kamra tax-shower, aktar `il gewwa, kcina/kamra tal-ikel combined u kamra tas-sodda fuq wara.*

*Kejl – Il-prorprjeta` ghandha faccata u wisgha fuq gewwa ta` erbgha punt tlieta metri (4.3 m), fond ta` ghoxrin punt wiehed metri (20.1 m) u tkopri kejl superficjali ta` circa tmienja u sittin metri kwadri (68 m.kw.). Dan il-kejl jinkludi l-hitan divizorji.*

*Kostruzzjoni – Il-hitan huma bil-gebel tal-franka u s-soqga tal-konkos rinforzat.*

*Finituri – Art bil-madum tac-ceramika, aperturi esterni tal-aluminjum, bibien tal-injam, suffett tal-aluminijum fil-kamra tax-shower, u suffett bil-plywood fil-kamra tas-sodda. Id-dawl mghoddi mill-`conduit` hlief mas-saqaf li deher ghaddej minn `trunking` tal-injam. Dan il-fond kien gie `refurbished`.*

*Il-komun bil-bieb ta` barra tal-injam u tarag tal-gebel bil-poggaman tal-hadid.*

*Potenzjal - Skont in-North Harbours Local Plan mahrug mill-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-ippjanar (MEPA) fl-2006 din il-proprjeta` tinsab f` zona residenzjali b` height limitation ta` hames sulari u penthouse. Ghalhekk l-arja fuq din il-proprjeta` ghandha potenzjal ta` zvilupp.*

*Okkupazzjoni – Mhux kontestat li dan il-fond huwa mikri lil Dorothy, Julian, u Carmelo Zammit, b` kirja nominali ta` qabel l-1995.*

Skont il-periti addizzjonali, il-valur tal-fond, kif soggett ghal kirja, jammonta ghal **<u>€75,000</u>** wara li qiesu l-premess, il-lok fejn tinsab il-propjeta` u kif ukoll il-valur taghha fil-prezent.

**3) <u>145, Triq Birkirkara, San Giljan</u>**

Il-periti addizzjonali jghidu hekk :-

*Ritratti – Dok PAR ritratti 04/05*

*Deskrizzjoni – Terran sottostanti proprjeta` ta` terzi li jinsab f` kantuniera ma` Triq l-Arcisqof Romero li ma tinfidx.*

*Kif tidhol tigi f` remissa li minnha tghaddi ghal kamra ohra li ghandha bieb ghal Triq Romero (bieb numru 11) li minnha hemm maqtugha wkoll kamra bit-toilet u kamra ohra fuq wara li maghha hemm logga. Mill-logga tghaddi minn fuq speci ta` pont zghir ghal terrazzin li hemm fuq wara. Dan it-terrazzin ihares ghal fuq il-wied.*

*Fi Triq Romero hemm bieb li jaghti ghal passagg mikxuf li jigi taht il-pont imsemmi fejn hemm bir, liema passagg jaghti access ghall-kantina li tigi taht l-imsemmija terrazzin, taht il-logga u taht il-kamra ta` wara. Ma nghatax access ghal din il-kantina. Il-kantina li tinsab taht il-kumplament tal-fond (cioe` taht ir-remissa u taht il-kamra ta` warajha li gahndu sprall fi Triq Romero) ma tifformax parti minn dan il-fond.*

*Kejl – Il-proprjeta` ghandha faccata fuq Triq Birkirkara ta` tlieta punt sitta metri (3.6 m), faccata fuq Triq Romero ta` ghoxrin punt tnejn metri (20.2 m) u tkopri kejl superficjali ta` circa disghin metri kwadri (90 m.kw). Il-parti li tinkludi l-kantina sottostanti tkopri kejl superficjali ta` circa hamsa u hamsin metri kwadri (55 m.kw). Dan il-kejl jinkludi l-hitan divizorji.*

*Kostruzzjoni – Il-hitan huma bil-gebel tal-franka u s-soqfa bi travi tal-hadid mirduma u xorok tal-franka. Mill-istat tal-art minn fuq u kif ukoll mid-dehra generali tal-fond, ma jirrizultax li s-soqfa tal-kantina huma f` kundizzjoni tajba.*

*Finituri – Art bil-madum tas-siment dekorattiv, aperture tal-injam u dawl mghoddi mit-`trunking` tal-injam. Il-post jehitieg dawra biz-zebgha kemm minn barra u kif ukoll minn gewwa u kif ukoll xogholijiet ohra fuq is-servizzi, l-ambjent sanitarju u l-aperturi.*

*Potenzjal – Skont in-North Harbours Local Plan mahrug mill-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) fl-2006 din il-proprjeta` tinsab f` zona residenzjali fejn huma permissibbli hwienet sa 75 metri kwadri. Billi da nil-fond fih kejl ta` 64 metri kwadri meta wiehed jaqta` l-bitha u l-kantina li ghandha access separat, dan il-fond ghandu ghalhekk potenzjal li jinbidel f` hanut.*

*Okkupazzjoni – Dan il-fond jinsab vakanti.*

Skont il-periti addizzjonali, il-valur tal-fond, liberu u frank, jammonta ghal **€98,000** wara li qiesu l-premess, il-lok fejn tinsab il-propjeta` u kif ukoll il-valur taghha fil-prezent.

**4) 172/173/174 Triq Birkirkara, San Giljan**

Il-periti addizzjonali jghidu hekk :-

*Ritratti – Dok PAR 06/07/08*

*Deskrizzjoni – Dar fuq zewg sulari b` zewg bibien u remissa fuq il-faccata.*

*Kif tidhol mill-bieb numru 174 tigi fi tromba bit-tarag li jaghti ghal fuq u li minnha tghaddi ghal kamra tas-salott li minnha tohrog ghall-logga fejn hemm kamra bit-toilet. Mill-logga tghaddi ghal kamra ohra li tinfed mar-remissa li tinkludi bieb ta` remissa u bieb iehor fuq il-faccata.*

*Mill-logga tohrog fuq wara ghal passagg li jinsab fuq iil-bitha li hemm fil-livell tal-kantina li minnu tghaddi ghal terrazzin li hemm fuq wara. Dan it-terrazzin ihares ghal fuq il-wied u lejn il-Balluta (Dok PAR ritratti 06/07).*

*Mill-istess terrazzin tinzel minn tarag mikxuf ghall-bitha li hemm fil-livell tal-kantina fejn hemm zewgt ikmamar li jigu taht it-terrazzin u kamra tawwalija f` ghamla ta` L li tigi taht il-logga u taht il-kamra l-ohra. Fil-bitha hemm ukoll bir. F` kull wahda minn dawn iz-zewgt ikmamar li hemm taht it-terrazzin hemm tieqa fil-hajt divizorju ta` wara.*

*Fl-ewwel sular hemm kamra tas-sodda bil-gallarija maghluqa fuq il-faccata, zewgt ikmamar ohra u logga li fiha hemm kamra tax-shower u kif ukoll kamra bil-garigor li jaghti ghall-bejt.*

*Kejl – Il-proprjeta` ghandha faccata ta` sebgha punt sebgha metri (7.7 m), fond ta` wiehed u ghoxrin punt erbgha metri (21.4 m) u tkopri kejl superficjali ta` circa mija u hamsa u sittin metri kwadri (165 m.kw). Dan il-kejl jinkludi l-hitan divizorji.*

*Kostruzzjoni – Il-hitan huma bil-gebel tal-franka u s-soqfa bi travi tal-hadid imdendla u xorok tal-franka hlief ghall-passagg li hemm fuq il-bitha u t-tarag li jaghti ghall-kantina li huma tal-konkos.*

*Finituri – Partijiet mill-art bil-madum tas-siment dekorattiv, partijiet ohra bil-madum tal-mozajk, u art tar-remissa tal-konkos. Whud mill-aperturi tal-injam u ohrajn tal-hadid.*

*Potenzjal – Skont in-North Harbours Local Plan mahrug mill-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) fl-2006 din il-proprejta` tinsab f` zona residenzjali b` height limitation ta` erba` sulari, semibasement u penthouse. Dan il-fond ghandu ghalhekk potenzjal li jigi zviluppat fi blokk ta` appartamenti inkluz ukoll hanut sa 75 metri kwadri.*

*Okkupazzjoni – Dan il-fond jinsab vakanti.*

Skont il-periti addizzjonali, il-valur tal-fond, liberu u frank, jammonta ghal **<u>€372,000</u>** wara li qiesu l-premess, il-lok fejn tinsab il-propjeta` u kif ukoll il-valur taghha fil-prezent.

**4) <u>Piz probatorju</u>**

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li :-

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` naturateknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza*

*ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha, *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam,* fl-istess waqt, dak ma jfissirx li *"qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik lopinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**Grima vs Mamo et noe**" : Qorti ta` l-Appell : 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" : Qorti tal-Appell : 6 ta` Ottubru 1999 ; u "**Saliba vs Farrugia**" : Qorti tal-Appell : 28 ta` Jannar 2000).

Fl-isfond ta` din il-gurisprudenza, u wara li qieset b`reqqa l-konkluzjonijiet tal-ewwel perizja teknika, kif ukoll l-esercizzju li sar mill-periti teknici addizzjonali, din il-Qorti sejra taddotta l-istimi li waslu ghalihom il-periti addizzjonali fir-rigward ta` dawk il-propjetajiet li l-istima taghhom mill-ewwel perit tekniku kienet kontestata mill-atturi, kif ukoll l-istimi tal-propjeta` l-ohra hekk kif stabbilita mill-perit tekniku u li dwarhom ma kienx hemm kontestazzjoni minn l-ebda parti **hlief** li fejn si tratta ta` Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan, u Grima Flats, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan, il-Qorti sejra taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha aktar `il quddiem.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-argumenti li gab il-konvenut fis-sens li l-periti addizzjonali taw importanza konsiderevoli lill-potenzjal ta` qligh futur li jista` jsir u l-potenzjal ta` zvilupp f`kull proprjeta`, u li ma hadux ghalhekk in konsiderazzjoni l-limitazzjonijiet serji li wiehed mhux dejjem ikun lest jew ikun fil-pozizzjoni li jirrikorri.

Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument tal-konvenut peress li ladarba l-proprjeta` in ezami ghandha potenzjal oggettiv ta` zvilupp, dan huwa fattur li tieghu ghandu jittiehed kont meta jigi biex jistabilixxi l-valur tal-propjeta`. Effettivament huwa l-konvenut li finalment ser igawdi minn dawn il-proprjetajiet. Inoltre l-Qorti tqis illi l-valuri *per ser* moghtija mill-periti addizzjonali huma gusti u reali.

## III. Intempestivita`

Il-konvenut eccepixxa l-intempestivita` tal-azzjoni attrici bit-tieni eccezzjoni.

Dik l-eccezzjoni giet superata bis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawza "Carmel Grima et vs Saviour Grima et".

Din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Tajjeb jinghad illi fis-sentenza kien irrilivat illi l-kuntratt tad-29 ta` April 2002 ppubblikat min-Nutar Dr Alexander Sceberras Trigona bejn Carmelo Grima u l-konvenut kien donazzjoni, simulata taht l-apparenza ta` trasferiment b` titolu oneruz.

## IV. Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti

### 1) Generali

L-atturi qeghdin jitolbu l-assenjazzjoni favur taghhom tas-sehem rizervat lilhom dovut mill-wirt ta` Carmelo Grima, armel ta` Grazia Grima, wara li rrinunzjaw ghall-eredita` ta` l-istess Carmelo Grima u zammew ferm id-dritt taghhom ghas-sehem riservat.

Irrizulta li Carmelo Grima miet fl-14 ta` Jannar 2007. Mir-ricerki testamentarji tieghu, irrizulta li dan Carmelo Grima ghamel erbgha (4) testmenti :-

l-ewwel wiehed kien testment *unica charta* ma` martu Grazia fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tal-25 ta` Frar 1970 ;

it-tieni wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona tas-6 ta` Gunju 2002 ;

it-tielet wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tas-16 ta` Settemrbu 2002 ; u

r-raba` wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tas-16 ta` Marzu 2004.

Jirrizulta li Carmelo Grima nnomina bhala l-eredi universali tieghu, proprjetarji in assolut ta` gidu kollu in generali lid-disa` (9) uliedu u cioe` lil Giuseppa mart Giuseppe Calleja ; Giorgina mart Amabile Azzopardi ; Gioliano ; Antonio ; Edward ; Emmanuele ; Charles sive Carmelo ; Dorothy mart Julian Zammit ; Joan sive Giovanna mart Joseph Cassar ; u Salvatore sive Saviour ahwa Grima, fi kwoti indaqs bejniethom.

Jirrizulta li thallew diversi prelegati lil Saviour Grima li jikkonsistu fis-segwenti :-

Id-dar mmarkata bin-numru 19 u 21 gia` immarkata bin-numru ufficjali 13 u 14 bil-garaxx anness u kontigwu ghall-istess dar bin-numru 17 gia` numru 12, li jinsabu fi Triq il-Barakki, Qormi. Dan il-prelegat jinsab indikat fit-testment tas-16 ta` Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani ;

Nofs indiviz tal-garaxx minghajr numru bl-isem ta` `Grima`s Garage`, Triq Saver Zarb, San Giljan flimkien ma` gnien. Dawn thallew b` titolu ta` prelegat in pjena proprjeta` lil Salvatore sive Saviour Grima in forza tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona tas-6 ta` Gunju 2002. Dan in-nofs indiviz kien jappartjeni lil Grazia mart Carmelo Grima peress li n-nofs indiviz appartenenti lil Carmelo Grima kien inbiegh lil Salvatore Grima permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Tridona tad-29 ta` April 2002. F`dan it-testment, id-decujus iddikjara li kien jaf li l-imsemmi nofs indiviz ta` din il-proprjeta` ma kienx

jappartjeni lilu izda d-decujus ried u ordna li l-legat jigi regolat mill-Kodici Civili.

Jirrizulta li thalla ukoll legat lil Noel Grima, li jigi iben Salvatore sive Saviour Grima konsistenti fl-intier tal-fond bin-numru 139, Grima` s Flats, fi Triq Saver Zarb, San Giljan. Dan il-legat gie mholli in forza tat-testment ta` Carmelo Grima maghmul fis-16 ta` Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani. Dan ukoll kien jikkonsisti f` *legato di cosa altrui* peress li kien dikjarat mid-decujus illi huwa kien jaf li l-imsemmi fond ma kienx jappartjeni kollu lilu u xorta wahda ordna li l-imsemmi legatarju ghandu jiehu l-imsemmi proprjeta` fl-interezza kollha taghha.

**2) <u>Likwidazzjoni</u>**

Din il-kawża tirrigwardja likwidazzjoni wara l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni partikolarment dik li qabel kienet maghrufa bhala l-leġittima illum sehem rizervat. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ fl-2004 u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116(2) tal-Att Numru XVIII tal-2004 ighid illi l-artikolu 58 li huwa appuntu l-emenda ghall-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima kellhom japplikaw ghal suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ. Fil-kaz prezenti, il-ligi applikabbli hija dik vigenti bhalissa mhux dik ta` qabel l-emendi.

Il-ligi taghna taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn : dik il-parti li hija disponibbli u l-parti l-ohra li mhijiex. Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-**<u>Art 616 et seq</u>** **<u>tal-Kap 16</u>** (ara "**<u>Cutajar vs Cutajar</u>**" – **<u>PA/DS</u>** – 3 ta` Ottubru 2003). Ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hija li jkun accertat jekk bid-dispozizzjoni ta` legat, id-decujus ikunx ecceda jew mar oltre l-parti disponibbli tal-patrimonju tieghu. (ara "**<u>Wismayer vs Wismayer</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 22 ta` Mejju 1950).

Skond l-**<u>Art 648 tal-Kap 16</u>**, sabiex tinhadem il-legittima (illum sehem rizervat) iridu jizdiedu mal-assi ezistenti fil-mument tal-mewt id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur.

Il-Qorti taghmel riferenza ghan-noti tal-**Prof. V. Caruana Galizia** dwar is-Successjoni pag 1021 fejn ighid hekk :-

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased`s property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations madeby the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whomthe legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to thedeceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` butalso those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Wara li dahal fis-sehh **l-Att XV tal-2012**, l-**Art 615 tal-Kap 16** gie jaqra hekk :-

*(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta` att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta` sentejn :*

*Izda l-Qorti tista`, fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta` imghax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

**Qabel dahal fis-sehh l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso ghas-subinciz (2) li hemm illum.**

In kwantu ghat-talba attrici, billi Carmelo Grima kellu aktar minn erba` (4) ulied, il-legittima jew sehem riservat kellu jkopri n-nofs tal-assi

tieghu. L-atturi ulied hajjin ta` Carmelo Grima jmisshom wiehed minn tmintax (1/18) kull wiehed mill-beni ta` Carmelo Grima. Ulied dawk mill-ulied ta` Carmelo Grima li lahqu mietu jmisshom **flimkien** dak li kien jispetta lill-genitur taghhom bhala wild ta` Carmelo Grima u cioe` wiehed minn tmintax-il parti (1/18) .

**3) L-immobbli**

Huwa pacifiku bejn il-kontendenti illi l-mejjet kien propjetarju ta` :-

(i) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond bin-172/173/174 Triq Birkirkara, San Giljan ;

(ii) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond 145, Triq Birkirkara, San Giljan ;

(iii) ½ indiviz (sehmu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond 36, Triq Birkirkara, San Giljan ;

(iv) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond Flat 1, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ;

(v) ½ indiviz (sehmu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond Flat 2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ;

(vi) 1/10 indiviz mill-wirt ta` ibnu premort Giuliano Grima mill-fond numru 92/93, Birkirkara Hill, San Giljan ;

(vii) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond "Grima` Garage" u gnien warajh, taht il-flat numru 2, Triq Birkirkara, San Giljan ;

(viii) l-intier tal-fond 12/13/14, Triq Barrakki, Qormi ;

(ix) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond "Grima`s Flats", 139, Triq Birkirkara, San Giljan ; u

(x) l-intier tal-Qabar numru 8, Divizjoni Lvant, Sezzjoni ittra KA, Kompartiment ittra `P` Cimiterju tal-Addolorata, Rahal Gdid.

Il-valuri tal-immobbli li sejra tadotta din il-Qorti huma :-

€86,000 :
139, Triq Birkirkara, San Giljan
(periti addizzjonali) ;

€75,000 :
Grima`s Flats, Flat 1, Triq Birkirkara, San Giljan
(periti addizzjonali) ;

€98,000 :
145, Triq Birkirkara, San Giljan
(periti addizzjonali) ;

€372,000 :
172/173/174, Triq Birkirkara, San Giljan
(periti addizzjonali) ;

€22,000 :
36, Triq Birkirkara, San Giljan
(l-ewwel perit) ;

€182,000 :
92/93, Birkirkara Hili, San Giljan
(l-ewwel perit) ;

€145,000 :
12/13/14 fi Triq Barrakki, Qormi
(l-ewwel perit) ;

€582,000 :
Grima`s Garage bi gnien flimkien ma` Grima`s Flats, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan
(l-ewwel perit)

€10,000 :
Il-qabar
(l-ewwel perit).

Wara li kien maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi u saret it-trattazzjoni, l-atturi kkalkolaw, ghall-fini ta` l-komputazzjoni tas-sehem riservat, il-valur intier ta` Grima`s Garage bi gnien u Flat 2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan.

L-atturi sahqu li fir-rigward tas-sehem indiviz appartenenti lil Carmelo Grima, dan gie deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta li kien inghata b`donazzjoni ; ghalhekk il-valur ta` dak in-nofs kellu jkun ikkunsidrat ghal fini ta` legittima.

L-atturi nsistew ukoll li n-nofs indiviz l-iehor ta` "Grima`s Garage" li gie mholli lill-konvenut bhala *legato di cosa altrui* u kif ukoll n-nofs indiviz ta` Grima Flats, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan li gie mholli lil iben il-konvenut u cioe` Noel Grima b`*legato di cosa altrui* ghandu wkoll jigi meqjus ghall-fini tal-komputazzjoni ta` l-legittima peress li l-validita` tat-testmenti ta` Carmelo Grima qatt ma kienu attakkati u ghalhekk il-legati kellhom jigu rispettati.

Da parti tieghu, il-konvenut sostna li sehem minn dawn il-proprjetajiet jappartjeni lill-atturi, peress li huwa s-sehem li huma wirtu minghand ommhom Grazia mart Carmelo Grima. Skont il-konvenut, id-disposizzjoni ta` *legato di cosa altrui* li saret fir-rigward ta` l-proprjetajiet fuq riferiti ma kelliex effett billi l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta` Carmelo Grima u ghalhekk ghandu jigi kkunsidrat biss dak il-valur li jirrifletti s-sehem tal-konvenut.

Id-disposizzjoni li tittratta l-*legato di cosa altrui* hija l-**Art 696 tal-Kap 16** li taqra hekk :-

*1) Il-legat tal-haga ta` haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu ; f`dan il-kaz il-werriet jista` jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b`legat sabiex ighaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.*

*(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b`legat, ghalkemm tkun ta` haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta` dik il-haga huwa validu.*

Hemm imbaghad l-**Art 698 tal-Kap 16** li jghid :-

*Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il*

*darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha.*

Jidher illi Carmelo Grima ddispona wkoll minn nofs indiviz appartenenti lill-mejta martu meta ddikjara li l-proprejtajiet ma kinux jappartjenu lilu fl-intier taghhom.

Ghalhekk it-testatur mexa skond l-Art 696 tal-Kap 16 ghal dak li jirrigwarda l-validita` tad-disposizzjoni.

Id-disposizzjoni titfa` obbligazzjoni fuq l-eredi ta` Carmelo Grima jekk kemm-il darba huwa jiddeciedi li jakkwista l-legat imholli lilu bhala pre-legatarju.

**Ghalhekk il-konvenut *qua* l-uniku werriet ta` Carmelo Grima ghandu jissodisfa l-vot tal-Art 696(1) tal-Kap 16 billi dik il-parti li ma tkunx tappartjeni lit-testatur, ladarba hekk kien iddikjarat fit-testment stess, trid tintradd lill-pre-legatarju (ossija lilu nnifsu u lil ibnu fil-kaz ta` Grima Flats, Flat 2, Triq B`Kara, San Giljan), jew jekk hu jiddeciedi li ma jghaddix il-haga lilu nnifsu u lil ibnu, huwa obbligat li jhallas il-valur gust tal-haga mhollija b`legat.**

**Jirrizulta ghalhekk illi ladarba t-testatur halla legat ta` haga ta` haddiehor u kien konsapevoli dwar dan, il-valur ta` l-haga, ghalkemm mhijiex proprjeta` tat-testatur, ghandha tigi kkunsidrata bhala parti mill-assi ereditarji tat-testatur u *ergo* ghandha tigi kkunsidrata wkoll ai fini ta` legittima.**

**Bhala konsegwenza, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-valur intier tal-proprjeta` Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan u kif ukoll il-valur tal-Flat 2, Grima Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ai fini ta` komputazzjoni tal-massa ereditarja fir-rigward tal-kalkolu tas-sehem riservat.**

Inoltre l-konvenut sostna wkoll li l-valur li ghandu jittiehed ghall-komputazzjoni tas-sehem riservat ghandu jkun ibbazat fuq il-valur ta` dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni. Ghalhekk, fir-rigward ta` Grima`s Garage, Triq B`Kara, San Giljan, ladarba bis-sentenza taghha, din il-Qorti hekk kif

diversament ippreseduta ddecidiet li l-kuntratt ta` bejgh kien proprjament att ta` donazzjoni maskerat, il-valur li ghandu jigi meqjus ghandu jkun dak il-valur fiz-zmien li saret id-donazzjoni, ossija fi 2002.

Ghal din is-sottomissjoni, ma jirrizultax illi wiegbu l-atturi.

**Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konvenut fis-sens li fir-rigward ta` nofs indiviz tal-proprjeta` Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan, il-valur li ghandu jittiehed ghall-kalkoli mehtiega ghall-iskop tal-kawza tal-lum ghandu jkun il-valur ta` dawk il-beni meta saret id-donazzjoni.**

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta` Marzu 2014 fil-kawza "**Loreta Axiaq vs Maria Attard et**" (liema sentenza kienet appellata) fejn inghad hekk :-

*"Minn naħa l-oħra taqbel mal-konvenuti li, għall-istess fini ta` komputazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici, il-valur ta` sehem Rosina Xuereb mill-art li fuqha bniet id-dar tagħha l-konvenuta Teresa Grima , u li kien gie mogħti lilha b`donazzjoni, m`għandux ikun dak stabilit mill-perit tekniku. L-artikolu 648(b) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, jistipula illi :*

*"imbagħad għandhom jigu mgħaqqdin magħhom b`kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b`donazzjoni … kwantu għall-ħwejjeg immobbli skont l-istat tagħhom fiz-zmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiz-zmien tal-mewt tad-donatur."*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jiccitaw l-artikolu 648(b) kif gie jaqra wara l-emendi imsemmija, imma kif kellha okkazzjoni tispjega din l-istess Qorti, kif ippreseduta, f`sentenza ricenti tagħha, l-Att XVIII tas-sena 2004 li ntroduca diversi emendi għall-Kodici Civili, fl-artikolu 116(2) li jirrigwarda d-disposizzjonijiet transitorji, jgħid li dawn lemendi "japplikaw dwar sueeessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikolu jingiebu fis-seħħ."*

*Għalhekk fil-kaz presenti, billi d-decujus mietet fis-sena 2000, m`għandux japplika l-valur li kellu sehem Rosina Xuereb minn din l-art fl-epoka tal-istess donazzjoni, u cioe` ta` tmint elef lira maltija (Lm8000), kemm gie dikjarat li jiswa dan is-sehem fuq il-kuntratt relattiv, imma l-valur tiegħu fl-epoka tal-mewt tagħha."*

Fid-decizjoni taghha tas-6 ta` Mejju 2013 fil-kawza "**Emanuel Borg et vs Maria Axiaq"** din il-Qorti diversament presjeduta rreferiet ukoll ghall-Art 648(b) tal-Kap 16 fejn hemm spjegat li l-valur ta` beni li testatur ikun iddispona minnu b`donazzjoni ghandu jkun skond il-valur tal-beni fil-mument tad-donazzjoni. Hemm il-perit tekniku mahtur mill-Qorti kien ivvaluta l-art in kwistjoni li giet donata fiz-zmien li saret id-donazzjoni u dik il-Qorti imbaghad imxiet fuq l-istimi tal-perit tekniku.

Issa fil-kaz tal-lum, il-valur ta` nofs indiviz li kien *donat* (mhux mibjugh) lill-konvenut kien stmat mill-perit tekniku fid-data meta rrediega r-rapport mhux fid-data tad-*donazzjoni.*

Il-Qorti mhijiex sejra titlob stima mill-gdid mill-perit tekniku u sejra tghaddi sabiex tistabilixxi hi l-valur *arbitrio boni viri.*

Issa skont l-affidavit ta` Carmel Grima (a fol 67 et seq) jidher li fis-26 ta` Awissu 2004, kienet saret valutazzjoni ta` dan in-nofs mill-Perit Godwin Abela li kkonkluda li l-valur intier kien jammonta ghal Lm 135,000.

Dan il-valur kien citat ukoll fis-sentenza ta` din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fejn ikkonkludiet li l-valur ta` Lm 7,000 li deher fuq il-kuntratt simulat ta` bejgh ma kienx wiehed reali. Il-Qorti hemm irreferiet ghar-rapport tal-Perit Abela. Irreferiet ukoll ghall-fatt li ftit snin wara, dan in-nofs indiviz gie ddenunzjat **mill-istess konvenut** bil-valur ta` Lm 40,000.

Din il-Qorti sejra ghalhekk taddotta l-valur moghti mill-Perit Abela fl-2004 ossija €157,232.70c (ekwivalenti ghan-nofs ta` Lm 135,000).

Ghalhekk il-valur li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini ta` sehem rizervat huwa €157,232.70c fir-rigward tan-nofs indiviz tal-proprjeta` Grima`s Garage li gie *donat* lil konvenut, filwaqt li r-rimanenti nofs indiviz ta` Grima`s Garage, u l-intier ta` Flat 2, Grima Flats, Triq Birkirkara, San Giljan, ghandu jigi kkalkolat mis-somma intiera ta` €582,000, l-ammont ta` €436,500 (3/4 ta` €582,000).

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-valutazzjoni ta` €593,732.70c hija wahda gusta taqbel ma` dak allegat mill-konvenut illi l-valur tal-proprjeta` naqset minn mindu giet iddonata lilu fl-2002 peress li b` dawn il-kalkoli, il-valur ta` nofs indiviz ta` Grima`s Garage fis-sena 2002 huwa oghla mill-valur attwali ta` l-istess fond hekk kif ikkomputat mill-perit tekniku.

**Per konsegwenza, il-valur ta` l-assi mmobbli li jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-decujus hija s-somma globali ta` €1,093,432.70c u cioe` : €593,732.70c + €43,000 + €11,000 + €18,200 + €145,000 + €10,000 + €37,500 + €49,000 + €186,000.**

4) **Flus il-bank**

Apparti l-immobbli, jirrizulta li Carmelo Grima kellu wkoll flus il-bank li wkoll iridu jigu kkalkolati sabiex jigi determinat is-sehem riservat.

Tajjeb osserva l-konvenut li kontijiet bankarji li mmaturaw fiz-zmien meta d-decujus Carmelo Grima kien ghadu haj jew kontijiet illi l-bilanc taghhom gie *withdrawn* fi zmien meta Carmelo Grima kien ghadu haj.

Ghalhekk il-kontijiet bankarji li ghandhom jinghataw konsiderazzjoni huma dawn :-

HSBC
*current account* bin-numru 008-008179-001 (numru antik 081902690)
€6.41c ;

HSBC
*savings account* bin-numru 008-008179-050 (numru antik 084063142)
€15,860.87c
Dan l-ammont jinkludi €7,020.00 li gew minn kont *fixed* bin-numru 033-188061-100 ;

HSBC
*savings account* bin-numru 008-008179-051
€517.70c ;

HSBC
*savings account* bin-numru 008-008179-451
STG 70.84c ekwivalenti ghal €96.40c ;

BOV
*term deposit account* bin-numru 118-0297004-2
GBP 440.75c ekwivalenti ghal €599.90c ;

BOV
*fixed account* bin-numru 118-0297001-3
€4,831.12c.

**It-total huwa €21,912.40**.

Hemm ukoll il-kwistjoni tal-flus depositati man-Northern Rock gewwa Guernsey fic-Channel Islands.

L-atturi jinsistu li l-proventi ta` dak l-investiment ghandu jghodd ghall-kalkolu tas-sehem rizervat.

Skont il-verbal a fol 382 u 383, jirrizulta li Joan Cassar, Carmel Grima u Emanuel Grima (tlieta mill-ahwa) kellhom kont miftuh f`isimhom. Ighidu li dawk il-flejjes jaghmlu parti mill-beni ta` missierhom, u ghalhekk ghandhom jitqiesu fil-komputazzjoni tal-legittima.

Il-konvenut jikkontesta din id-dikjarazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti sejra tqis jekk il-flus tan-Northern Rock ghandhomx jigu meqjusa wkoll fil-kalkolu tal-massa ereditarja tad-decujus.

Ghandu jinghad illi ghas-sehem rizervat *"si calcola sull`intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie"* (**Vol IX. 297**).

Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus.

Fis-sentenza riportata fil-**Vol. XXXIII.I.4724** inghad :

*"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta` kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima ; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta` benificenza"*

Skont ix-xiehda *viva voce* li tat l-attrici Joan Cassar, jirrizulta illi l-flus tan-Northern Rock kienu nghataw lill-erbat ahwa minn Carmelo Grima bhala hlas ghal servigi li rrendew favur tieghu.

Il-qorti sejra ticcita *verbatim* dak li qalet Joan Cassar :-

*"Jiena u t-tlett huti matul is-snin konna ghamilna hafna xoghol. Jiena tajt is-servizz tieghi d-dar u r-ragel tieghi ta ghajnuna kbira hafna. Huti zewg subien wiehed kien jahdem fuq tal-linja u jaghmel maintenance fuq ix-xarabanks u jithallas bi ftit. U Charlie l-iehor kien ta xi flus lil missieri meta sieefer biex joqghod hemm barra ghamel tlett xhur u kien jiehu hsieb il-maintenzance tad-dar il-hin kollu jaghmel daqqa saqaf, ohra gallarija. Kellna postijiet kien jaghmel daqqa tarag, kollox minn butu …Dawk il-flus dawk kienu ta` missieru u bhala kontribuzzjoni tax-xoghol li ghamilna ghaddihom lili, lil hija Leli, lil hija Charlie u lil Salvu. ….Kienu tal-papa` ghaddihom lilna ghax-xoghol li ghamilna u kienu jghajtu lilna."* (ara fol 357)

Il-qorti tinnota li in segwitu Joan Cassar ipprezentat affidavit fejn - ghal ragunijiet taghha - ma regghet semmiet xejn dwar ir-raguni ghalfejn inghatat dawk il-flejjes flimkien mat-tlett hutha l-ohra.

Meqjus l-assjem din il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta` illi taccetta l-verzjoni li tat *viva voce* Joan Cassar bhala korretta u veritiera ghar-rigward tar-raguni ghalfejn inghataw dawn il-flejjes.

**Ghalhekk ladarba dawk kienu hlas jew kontribuzzjoni ghas-servizzi rezi lid-decujus, mhux se jitqiesu ghall-fini tal-komputazzjoni ta` sehem rizervat.**

**5) <u>Aktar</u>**

Jifdal li tigi trattata l-kwistjoni ta` flejjes ohra li kienu nghataw mid-decujus lil xi whud mil-legitimarji u lill-konvenut.

**i) Lm 7,000 iddonata lill-konvenut skont skrittura a fol 335**

Skont skrittura tad-29 ta` April 2002, Carmelo Grima ta b`donazzjoni lill-konvenut u martu s-somma ta` Lm 7,000. Kienet donazzjoni rrevokabbli in vista ta` s-servizzi li kien diga` rrendewlu.

L-atturi jsostnu li din is-somma ukoll ghandha tigi kkunsidrata fil-komputazzjoni tal-massa ereditarja peress li l-konvenut ma ressaqx provi li verament rrenda servizzi lid-decujus li kienu jimmeritaw li dik id-donazzjoni tikkwalifika bhala debitu li kien dovut mid-decujus.

Mill-banda l-ohra, il-konvenut isostni li min jallega jrid jipprova u ghalhekk il-prova li ma gewx rezi servizzi lid-decujus tispetta lill-atturi.

Ladarba, skont il-konvenut, tali prova ma ngabitx, is-somma ta` Lm 7,000 ma ghandhiex tigi kkalkolata ghal kalkolu tal-porzjon riservat.

Din il-Qorti kkostatat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi dwar x` servizzi allegatament irrenda lil missieru.

Mill-banda l-ohra, l-attur Carmel Grima xehed b`mod dettaljat li missieru kien jigi assistit minn Giljan li jigi iben huh Toni li ghamel zmien twil jorqod ma` missieru d-decujus peress li dan kien safa` wahdu.

Irrizulta li sussegwentement, l-atturi Joan u Manuel bdew jorqdu ma` missierhom filwaqt li l-ahwa l-ohra kienu jghinuh wkoll fil-bzonnijiet ta` kuljum.

Jidher illi Carmelo Grima mar Casa Leone biex ikollu kura kontinwa. Ghalhekk minn hemm id-decujus kien taht il-kura ta` professjonisti.

Minkejja li ma tressqux provi f`dan ir-rigward mill-konvenut, fis-sentenza fil-kawza Nru 609/2007 (fol 625 et seq tal-process), hemm riprodotta xiehda li taw il-konvenut u martu, fejn dawn sostnew li kienu huma u oht il-konvenut Dorothy li kienu jiehdu hsieb missierhom filwaqt li l-atturi l-ohra kienu biss imorru jzuruh. Fix-xhieda hemm riprodotta, irrizulta li l-attur Carmelo Grima ikkonferma li Salvu Grima kien ghamel xi xhur jorqod ma` missieru, izda l-ahwa l-ohra wkoll kienu jmorru jorqdu mieghu. Carmelo Grima u Joan Cassar sostnew li l-ulied kollha kienu jiehdu hsieb lil missierhom.

Ghalhekk jidher li hemm xhieda konfliggenti dwar min kien jiehu hsieb lil missier , ghalkemm hemm qbil li sussegwentement, il-missier mar go dar ta` l-anzjani.

Apparti x-xhieda konfliggenti, huwa sinjifikanti hafna l-fatt li l-iskrittura ta` donazzjoni ggib l-istess data tal-kuntratt simulat ta` l-bejgh li permezz tieghu l-konvenut u martu dehru li xtraw nofs indiviz minn Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan.

Din il-Qorti hija tal-fehma li din id-donazzjoni ta` Lm 7,000 saret mhux bhala hlas ta` xi servizzi li saru mill-konvenut, izda sabiex il-konvenut jkollu Lm 7,000 u jidher li ser ihallas lil missieru b` dawn il-flus sabiex tinholoq sembjanza li sehh kuntratt ta` bejgh u mhux kuntratt ta` donazzjoni fir-rigward ta` dan in-nofs indiviz.

**Hija l-fehma konvinta ta` din il-Qorti illi fir-rigward ta` dawn il-flejjes, m`ghandhomx jigu kkunsidrati mal-massa ereditarja tad-decujus.**

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut li ghandha tigi kkunsidrata biss nofs il-valur ta` din is-somma moghtija b` donazzjoni peress li nofs is-somma giet donata lil mart il-konvenut. Kif inghad qabel, ghall-fini ta` komputazzjoni, ghandhom jigu kkunsidrati l-ammonti kollha moghtija b` rigal inkluzi legati ta` beneficenza.

**ii) <u>Donazzjoni lil Dorothy Zammit</u>**

Il-konvenut isostni li Dorothy Zammit irceviet donazzjoni ta` Lm 2,000 minghand missierha u ghalhekk din ghandha tinqata` minn sehem Dorothy Zammit.

Jidher mix-xhieda ta` l-konvenut a fol 473 et seq illi ma jafx il-metodu kif din inghatat din l-allegata donazzjoni. Il-konvenut ma setax jelabora dwar jekk dawn il-flus kinux bi hlas ghal xi haga li ghamlet Dorothy Zammit, jew jekk dawn kinux semplici rigal jew jekk dawn kinux self .

Mill-banda l-ohra, Dorothy Zammit u xhieda ohra ma kkumentaw xejn dwar dawn il-flejjes.

Rinfaccata b`dan in-nuqqas ta` provi dwar x` kienet ezattament din l-ghotja u l-motivazzjoni warajha, din il-Qorti ma tarax li hemm provi konvincenti bizzejjed li jwassluha sabiex din is-somma flus tigi ridotta mis-sehem riservat dovut lil Dorothy Zammit.

**iii) <u>Donazzjoni lill-attur Carmelo Grima</u>**

Il-konvenut isostni li l-attur Carmelo Grima nghata self ta` Lm 3,500 b` imghax ta` 7% fis-sena.

Jippretendi li kellu jitnaqqas mis-sehem rizervat li jmiss lil Carmelo Grima t-total ta` l-imghax li ddekorra mis-7 ta` Ottubru 1999 sas-6 ta` Ottubru 2015 ammontanti ghal €9,131.14, u tal-kapital ta` Lm 3,500 ekwivalenti ghal €8,153.

Il-konvenut ikkalkola l-imghax mis-7 ta` Ottubru 1999 peress li pprezenta rcevuta a fol 465 tal-process fejn saret referenza ghal hlas ta` imghax dekors.

Fis-sottomissjonijiet finali taghhom, l-atturi sahqu li fix-xhieda li ta fit-28 ta` Frar 2012, Carmelo Grima spjega li li huwa kien ta lura dawk il-flus lil missieru wara li talabhomhlu.

Il-Qorti fliet fuq li fliet izda ma rnexxielhiex issib bhala prova fl-atti ta` din il-kawza dak li nghad fis-sottomissjonijiet finali.

Fl-istess waqt jidher illi waqt is-smigh tal-provi fil-kawza bin-Nru 609/2007 (a fol 626) illi fil-kontroezami (ara fol 239 ta` dak il-process) Carmelo Grima sostna li missieru kien tah Lm3,500 biex izommhomlu u wara xi zmien kien talabhomlu lura, ghaliex kien gie bzonnhom il-konvenut, ghalhekk kien irritornahomlu.

Jidher li din irrepetiet ruhha xi zmien wara u ghalhekk l-attur Carmelo Grima nvesta dawn il-flus ghal missieru u kien ghaddielu l-interessi, kontra ricevuti.

Fl-istess sentenza jinghad li l-attur Carmelo Grima xehed li kien izomm dawn ir-ricevuti fi ktieb fil-karozza tieghu u li darba fost l-ohrajn meta kien ser iwassal lil missier flimkien ma` l-konvenut, dan il-ktieb sparixxa.

Meta din il-Qorti tara r-ricevuta a fol 465, ma jirrizultax minnha li hemm referenza li din is-somma ta` Lm 3,500 kienet mislufa.

Jista` jaghti l-kaz li din is-somma kienet sempliciment moghtija sabiex jzommha fil-pussess tieghu l-attur u jaghti imghax lil missieru minn din is-somma.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-ittra a fol 464 tal-process fejn l-attur sostna li ma kien sar l-ebda self minghand il-genituri tieghu u dana in linea ma` dak li sostna l-istess attur fix-xiehda li ta fil-kawza bin-nru 609/2007 u li giet rapportata fis-sentenza a fol 626 et seq.

Meta l-konvenut kien mistoqsi minn din il-Qorti stess waqt li kien qed jixhed (a fol 452 et seq tal-process) ghal aktar dettalji, il-konvenut sostna li ma jafx kif gew mislufa izda jaf li missieru kien talabhomlu u dan baqa` qatt ma tah is-somma lura mislufa kif ukoll waqaf li jhallas l-interessi.

**Din il-Qorti ma tarax li tressqu provi sufficjenti li jimmeritaw li din is-somma tigi mnaqqsa mis-sehem riservat ta` l-attur Carmelo Grima.**

**6) <u>Kalkolu</u>**

Il-Qorti sejra tqis jekk bil-laxxiti li ghamel, id-decujus marrux oltre jew in eccess tal-parti disponibbli tal-wirt tieghu.

Jidher li l-valuri tal-beni li thallew bhala prelegati u legati huma konsiderevoli.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-parti disponibbli kienet leza mid-decujus fid-disposizzjoni testamentarji tieghu.**

Il-beni ta` d-decujus jikkonsistu f`li gej :-

Immobbli
€1,093,432.70 ;

Flus il-bank
€21,912.40 ;

Donazzjoni lill-konvenut
€16,305.61.

**<u>Total : €1,131,650.71</u>**.

**Fuq din il-massa ereditarja ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem rizervat.**

**Dan il-kalkolu ghandu jsir fuq in-nofs.**

Din il-Qorti tghid illi kull wiehed mill-atturi li jigi wild id-decujus Carmelo Grima ghandu jircievi wiehed minn tmintax (1/18) ta` dik il-parti tal-massa ereditarja li fuqha ghandu jinhadem is-sehem rizervat. Dan ifisser

illi dawn l-atturi jircievu kull wiehed l-ammont ta` **<u>€62,869.48</u>**. L-ulied ta` dawk l-ulied tad-decujus li lahqu mietu jircievu **<u>flimkien</u>** l-ammont ta` €62,869.48 li kien jispetta lil dak il-genitur taghhom li kien wild id-decujus Carmelo Grima.

**7) <u>L-imghax</u>**

Il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis il-kwistjoni tal-imghax fuq l-ammont tas-sehem riservat dovut.

**<u>L-Art 1139 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*"Bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

Fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-atturi pprezentaw ir-rikors guramentat fl-12 ta` Ottubru 2007.

Carmelo Grima miet fl-14 ta` Jannar 2007.

Ghalhekk it-talba gudizzjarja tal-atturi saret inqas minn sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

Il-proviso tal-Art 615(2) tal-Kap 16, kien introdott bl-Att XV tal-2012.

**Huwa evidenti illi kemm fid-data tal-mewt ta` Carmelo Grima kif ukoll fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, il-proviso ma kienx jaghmel parti mil-ligi taghna.**

**Ghalhekk abbazi tal-istat tad-dritt fiz-zmien tal-presentata tar-rikors guramentat, il-Qorti ma ghandhiex diskrezzjoni li tiddeciedi li**

**tnaqqas ir-rata ta` imghax jew li addirittura tordna li ma jithallasx imghax.**

**Fil-kaz tal-lum ighodd l-Art 615(2) tal-Kap 16, kif kien qabel kien introdott il-proviso.**

**Fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tordna li b`zieda mal-ammont kapitali, ghandu jithallas lill-atturi mghax ta` 8% fis-sena fuq dak il-kapital b`effett mill-14 ta` Jannar 2007 : data tal-ftuh tas-successjoni sad-data tal-effettiv pagament.**

**8) Il-kjamata fil-kawza**

Illum il-kjamata fil-kawza hija rapprezentanta minn uliedha.

Tirrizulta adezjoni da parti taghhom ghar-rikors guramentat.

Kien accertat il-fatt li l-kjamata fil-kawza rrinunzjat ghal wirt ta` missierha.

In vista tad-decizjoni li sejra taghti llum fil-kawza "**Calleja vs Grima**" (Rik. Gur. Nru. 203/2013) din il-Qorti tghid illi l-kjamata fil-kawza ma ghandhiex tbati spejjez fil-kawza tal-lum.

L-ispejjez tal-kjamata fil-kawza ghandu jhallashom il-konvenut.

**9) Is-sitt (vi) talba**

Dment illi jibqa` dovut lill-atturi l-hlas tas-sehem rizervat likwidat bis-sentenza tal-lum, kif fuq inghad, il-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1330/07 AF fl-ismijiet "Carmel Grima et vs Saviour Grima" ghandu jibqa` veljanti.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` s-sitt talba attrici.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tistabilixxi u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo Grima bhala konsistenti fl-assi li aktar kmieni kienu elenkati bin-numru wiehed (1) tnejn (2) tlieta (3) erbgha (4) u sitta (6) ta' l-parti ta` din is-sentenza li hija ntestata : "IV. Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti".**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida il-valur ta` l-assi kollha li jappartjenu lill-wirt ta` l-mejjet Carmelo Grima u li fuqhom ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem rizervat fl-ammont ta` miljun mija wiehed u tletin sitt mija u hamsin Ewro wiehed u sebghin centezmu (€1,131,650.71).**

**Riferibbilment ghat-tieni u ghat-tielet talbiet, tiddikjara u tiddeciedi illi s-sehem rizervat mill-wirt ta` l-mejjet Carmelo Grima li jispetta lil kull wiehed u wahda mill-atturi Carmel Grima, Emanuel Grima, Joan Cassar, Edward Grima u Maria Dolores Zammit huwa ta` wahda minn tmintax-il parti (1/18) u jammonta ghal tnejn u sittin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€62,869.48c).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni u ghat-tielet talbiet, tiddikjara u tiddeciedi illi s-sehem rizervat mill-wirt ta` l-mejjet Carmelo Grima li jispetta flimkien lill-atturi ulied ta` Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi li mietet fil-mori tal-kawza, u cioe` Jennifer Mifsud, Anne Mary Camilleri, Josephine Grech, Grace Carmen Camilleri u Philip Azzopardi jammonta ghal wahda minn tmintax-il parti (1/18) fl-ammont ta` tnejn u sittin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€62,869.48c).**

Riferibbilment ghar-raba` talba, tiddikjara u tiddeciedi li s-sehem rizervat mill-wirt ta` l-mejjet Carmelo Grima li jispetta flimkien lill-atturi Anne Marie Camilleri, Julian Grima, Carmen Mangion, Ruth D`Antuono, Pierre Grima u Graziella Grima, bhala eredi ta` missierhom Anthony Grima, iben id-decujus Carmelo Grima jammonta ghal wahda minn tmintax-il parti (1/18) fl-ammont ta` tnejn u sittin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€62,869.48c).

Riferibbilment ghall-hames talba, tikkundanna lill-konvenut Saviour Grima, bhala l-uniku werriet ta` l-mejjet Carmelo Grima, sabiex ihallas lill-atturi l-ammont lilhom hawn fuq likwidat u dikjarat bhala dovut bhala s-sehem lilhom rizervat mil-ligi ai termini tal-Artikoli 615, 616, 617 u 620 tal-Kodici Civili bhala ulied u/jew neputijiet ta` l-mejjet Carmelo Grima, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mid-data tal-ftuh tas-successjoni tal-mejjet Carmelo Grima u cioe` b`effett mill-14 ta` Jannar 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Tilqa` s-sitt talba.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi l-ispejjez tal-kjamata fil-kawza.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur